MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1046/2003

**Joseph Caruana**

**Vs**

**John Muscat**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm460.00c (erba' mija u sittin lira Maltin) rappresentanti danni kkagunati mill-'power boat' bl-isem Habibi Valletta tal-konvenut John Muscat, li fit-8 ta' Awissu 2002 habtet u kissret lill-luzzu PTF 506 ta' l-attur meta kienet ormeggjata fil-bajja Ta' Tessalejn sive Tal-Ghazzenin, San Pawl il-Bahar.

Il-konvenut wieghed lill-attur li ser ihallas id-danni u li kellu assikurazzjoni, izda qatt ma hallas.

Bl-imghax legali min-notifika ta' l-ittra ufficjali fl-14 ta' Frar 2003, u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-3

ta’ Jannar 2003, u tal-ittra ufficjali tat-23 ta’ Jannar 2003 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ ammissjoni tal-konvenut John Muscat pprezentata llum seduta stante li permezz taghha, l-konvenut ammetta t-talbiet attrici kif dedotti.

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici, kif dedotta bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------